**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 4 ta' Marzu, 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 80/2019BS**

**Joseph Theuma u Jason Tewma**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku , l-Avukat Generali**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur Jason Tewma sive Theuma ppremetta:

1. *Illi l-atturi dejjem kitbu kunjomhom bhala Theuma, hekk kif jista' jigi dedott minn diversi dokumenti ta' identifikazzjoni fosthom il-karta ta' l-identita' u c-certifikat tat-twelid u tal-maghmudija li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "A" u Dok "B" u Dok C rispettivament;*

   *Illi c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti kif irregistrat fir-Registru Pubbliku b'registrazzjoni numru bin-numru 272 tal-1959 u l-147 tal-1996, rispettivament li qed jigu hawn mehmuzin u mmarkati bhala Dok "D" u Dok "E" juri kunjom ir-rikorrenti miktub bhala "**Tewma**" minflok Theuma;*

   *Illi missier l-attur Joseph u n-nannu patern tar-rikorrenti l-iehor Jason fic-certifikat tat-twelid huwa mnizzel bhala Antonio "**Teuma**" u cioe' verzjoni ohra tal-istess kunjom u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat dok F;*

   *Illi l-istess verzjoni tal-kunjom "Teuma" jidher anke fuq ic-ceritifkat tal-mewt ta' Antonio Teuma, liema certifikat huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok G;*

   *Illi r-rikorrenti jixtiequ li jikkoregu dan l-izball biex kunjomhom ma jibqax jinkiteb Tewma izda jew jigi mibdul ghal **Teuma** biex jirrifletti kunjom Antonio Teuma li jigi l-missier u nannu, rispettivament tal-partijiet u dan sabiex il-kunjom jinkiteb l-istess f'kull dokument pubbliku u dan stante illi qeghdin jinholqu nkongruwenzi minhabba l-varjazzjonijiet tal-istess kunjom.*

*Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-atturi bin-numru 272 tal-1959 u 147 tal-1996, rispettivament ai termini tal-provvedimenti tal-artiklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex kull fejn hemm referenza ghall-kunjom tar-rikorrenti jew ta' kunjom il-missier il-kunjom **Tewma** jigi mibdul u sostitwit **Teuma**.*

2. *Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv tar-rikorrenti, jekk ikun il-kaz u dan skont l-artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa dan il-bdil wara li jigi notifikat bis-sentenza.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa mharrek sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku u l-Avukat Generali fejn gie kkonfermat bil-gurament:

1. *Illi preliminarjament, l-esponent Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ai termini ta' l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghall-korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u gurisprudenza nostrana;*

3. *Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent Direttur tar-Registru Pubbliku jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;*

4. *Illi fil-kaz odjern jidher li hemm zball u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-Att tat-Twelid ta' Giuseppe Teuma, u cioe' l-missier u n-nannu tar-rikorrenti rispettivament, liema Att igib in-numru progressiv 143/2000, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1';*

5. *Illi stante s-suespost, jidher bic-car illi l-kunjom tal-familja huwa "Teuma" u mhux "Tewma". Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

6. *Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi nonostante l-fatt li huwa qed jirrikonoxxi li sar zball fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, tali zball ma jistax jigi attribwit*

*lill-esponent u dan tenut kont tal-fatt li kien proprju l-missier u n-nannu tar-rikorrenti, rispettivament, li ddikjara tali nformazzjoni, tant li huwa kkonferma l-istess bil-firma tieghu. Dan jista' jigi kkorrobrat permezz tal-informazzjoni li giet inserita fl-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti, li jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok DRP 2' u Dok 'DRP3';*

7. *Illi stante s-suespost, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi gheml jew nuqqas ta' agir tal-konvenut u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza stanti;*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti pprezentati mir-rikorrent annessi mar-rikors guramentat.

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet.

**Il-Provi.**

Ir-rikorrenti jaffermaw illi kunjomhom illi huwa "Teuma", qed jinkiteb bi tliet verzjonijiet differenti u cioe` - "Teuma" "Tewma" u "Theuma". Huma jargumentaw illi fic-certifikat tat-twelid ta' Antonio, li jigi missier ir-rikorrent Joseph u ghalhekk in-nannu patern tar-rikorrent l-iehor Jason, il-kunjom inkiteb bhala "Teuma". Huma jammettu illi huma jiktbu kunjomhom bhala "Theuma", izda billi fic-certifikat tat-twelid ta' Antonio il-kunjom jinkiteb bhala "Teuma" dak jikkostitwixxi l-kunjom tal-familja u ghalhekk iridu illi tigi effettwata korrezzjoni fl-atti tat-twelid taghhom u l-atti civili l-ohra relattivi. Ir-rikorrenti pprezentaw id-dokumenti[1] li permezz taghhom qed juru d-differenza fil-mod kif inkiteb dan il-kunjom.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti ser tghaddi l-ewwel sabiex tevalwa l-eccezzjoni sollevata mill-intimati li l-Avukat Generali ma hux legittimu kontradittur.

L-Artikolu 181B (2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduta Civili jipprovdi illi :

[1] A fol 5 sa fol 11 tal-process

*"L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Dan is-subartikolu huwa car u gia la darba din il-kawza setghet tigi diretta kontra kap ta' Dipartiment kif infatti sar ghax giet diretta kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-Avukat Generali ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi akkolta.

Rigward it-talba ghall-korrezzjoni fil-kunjom din it-talba qed issir ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti d-dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja għall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. It-tibdil fil-kunjom Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermettu, taht certi cirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

Mill-banda l-ohra l-korrezzjoni ta' kunjom hija aktar imprekattiva legalment ghax tista' ssir biss jekk jirrizulta li kien hemm zball f'dak il-kunjom kif registrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-decizjonijiet taghhom dejjem zammew rigidi fil-kaz ta' korrezzjoni fil-kunjom. Tant hu hekk illi il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi[2] :

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Il-konkluzzjoni illi tinstilet minn din id-decizjoni hija ghalhekk, illi l-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fi proceduri bhal dawn huwa li jipprotegi l-interess ta' terzi jew ahjar l-interess pubbliku. Logikament ghalhekk jekk mill-provi jirrizulta illi l-interess imsemmi ma jkunx ser jigi lez, ma ghandux ikun hemm oggezzjoni ghat-talba ta' rikorrent li jitlob il-korrezzjoni ta' kunjomu pero' sakemm din it-talba ma tkunx qed issir b'kapricc, f'liema kaz dik it-talba ma tistax tigi akkolta.

Mill-fatti kif irrizultaw fil-kaz odjern, izda, din il-Qorti ma jidrilhiex illi t-talba tar-rikorrenti giet vantata kapriccozament, kif wara kollox indika d-Direttur intimat fir-

[2] John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku, Appell, 2 ta' Marzu, 1994.

risposta tieghu, tant illi afferma illi jidher illi hemm zball fil-kunjom u li jidher bic-car illi l-kunjom tal-familja huwa "Teuma" u mhux "Tewma". Di piu` jirrizulta nfatti illi kunjom ir-rikorrenti kien qed jinkiteb b'diversi modi. Hekk per ezempju fil-konfront ta' missier l-attur Joseph u n-nannu patern tar-rikorrent Jason il-kunjom kien jitnizzel bhala "Teuma"[3],mentri mbaghad l-istess kunjom kien inkiteb b'mod differenti cioe' "Tewma" fic-certifikati tat-twelid tar-rikorrenti[4]. Dawn ta' l-ahhar min-naha taghhom affermaw illi kienu qed jiktbu kunjomhom fil-verzjoni "Theuma". Billi kunjom missier ir-rikorrent Joseph u n-nannu patern tar-rikorrent Jason huwa **Teuma** dan ifisser illi l-kunjom tal-familja huwa "**Teuma**" u l-ebda verzjoni ohra ta' dan il-kunjom.

Tenut kont ta' dan kollu, u maghdud mal-fatt illi d-Direttur intimat ma sabx oggezzjoni ghat-talba ta' korrezzjoni u rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqaghhom.

Barra minn hekk jirrizulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret.

Billi ma jirrizulta ebda tort da parti tal-konvenut Direttur dan ma ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tiddikjara li l-Avukat Generali ma hux legittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir il-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikati tat-twelid tar-rikorrenti li jgibu n-numri mitejn tnejn u sebghin tas-sena elf disa' mija u disgha u hamsin (272/1959) u mija u sebgha u erbghin tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (147/1996), sabiex kull fejn hemm referenza ghall-kunjom "Tewma" tigi mibdula u sostitwita b' "Teuma";**

3. **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi ai termini ta' l-artikolu 253(3), it-tibdil effettwat fl-atti tat-twelid jigi riflessi f'kull att tal-istat civili relattiv tar-rikorrenti;**

---

[3] Fl-Att tat-twelid ta Antonio Teuma, A fol 26 tal-process.
[4] A fol 8 u a fol 9 tal-process

4. **Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa t-tibdil fil-kunjom wara illi jigi notifikat bis-sentenza.**

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur